

Brussell, 13 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10265/19

ENER 330
RELEX 615

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	9855/1/19 REV 1 Relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija
	- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
	- Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness in-nota tal-Presidenza dwar ir-relazzjonijiet esterni dwar l-enerġija.

Fil-Kunsill tal-Enerġija tal-25 ta' Ġunju, il-Presidenza għandha l-għan li torganizza skambju ta' fehmiet flimkien ma' preżentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-**Relazzjonijiet Esterni reċenti dwar l-Enerġija**, b'attenzjoni għal għadd limitat ta' fajls ewlenin.

Il-Presidenza tqis ta' importanza kbira l-attenzjoni kontinwa fuq is-sħab ewlenin tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Afrika, l-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Mediterran tal-Lvant. Barra minn hekk, impenn kontinwu fil-Komunità tal-Enerġija u l-modernizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Energija¹, kif ukoll rieżami tal-operat u l-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Energija² huma ta' importanza ewlenija.

Il-Presidenza tfakkar li l-Kummissjoni integrat il-politiki dwar it-transizzjoni lejn enerġija nadifa fid-djalogi tagħha dwar l-enerġija ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali jew internazzjonali biex tippromwovi użu globali tal-prinċipji li fuqhom huma bbażati l-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE sabiex titmexxa 'l quddiem it-transizzjoni lejn l-enerġija nadifa. Ġew iprijoritizzati wkoll id-diskussjonijiet dwar l-importanza ta' ppjanar fit-tul u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' nofs is-seklu għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra biex jinkisbu miri ta' transizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-Kummissjoni qajmet ukoll b'mod sistematiku l-kwistjoni ta' użu akbar tal-Euro fit-transazzjonijiet marbutin mal-enerġija mas-sħab internazzjonali ewlenin, fejn xieraq (dan is-suġġett ser jiġi diskuss waqt l-ikla ta' nofsinhar).

¹ L-oġġettivi prinċipali tal-Komunità tal-Enerġija huma li jinħoloq qafas regolatorju u tas-suq stabbli li jippermetti lill-Partijiet Kontraenti jattiraw investimenti, u jsegwu spazju regolatorju uniku għall-kummerċ fil-gass u l-elettriku bejn l-UE u l-Partijiet Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija. Bħalissa għaddej proċess ta' riforma biex jiġi aġġornat it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija. Fl-2016 u l-2018, il-Kunsill adotta tliet mandati ta' negozjati dwar l-emendi tal-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, u l-UE qed tittratta il-bidliet tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija bħala pakkett uniku. It-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika, l-enerġija rinnovabbli u l-politika dwar l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra bl-istabbiliment ta' miri ġodda għall-2030 u qafas ta' Governanza ser ikun sfida oħra għall-ġejjieni fil-qrib.

² *Modernizzazzjoni*: Jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija marbutin mal-protezzjoni tal-investment u stabbiliti fis-snin 90 jiġu allinjati mal-istandards il-ġodda stabbiliti mill-approċċ riformat tal-UE dwar il-politika tal-investment. It-Trattat immodernizzat tal-Karta tal-Enerġija għandu jgħin iżid l-investment fis-settur tal-enerġija billi joħloq qafas legalment vinkolanti koerenti u aġġornat li jipprevedi ċertezza legali u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-investment. L-isfida ewlenija hija li jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija marbutin mal-protezzjoni tal-investment ma' standards moderni ta' protezzjoni ta' investment u li tiġi ffaċilitata transizzjoni lejn sistema ta' enerġija, b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, kull ma jmur aktar diġitali u ċċentrata fuq il-konsumatur. Sabiex tipparteċipa fin-negozjati f'isem l-UE u l-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal mandat tal-Kunsill f'Mejju 2019.

Rieżami: Fl-istess ħin, fl-2019 qed isir rieżami tal-funzjonijiet u l-politiki tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, flimkien mar-riieżami ta' nofs it-terminu tal-prestazzjoni tas-Segretarju Ġenerali. L-UE, il-Ġappun u l-Każakistan inħatru Koordinaturi tar-Rieżami.

Il-Prezidenza tipproponi li tiggwida d-dibattitu bil-mistoqsijiet li ġejjin:

- Kif tista' l-UE tuża l-istrumenti tagħha biex tiżgura li l-kumpaniji Ewropej tal-enerġija jistgħu jgħinu biex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-swieq tal-enerġija tal-Afrika, b'mod partikolari għall-enerġija rinnovabbli u l-gass naturali?
- Kif jistgħu l-UE u l-Istati Membri tagħha jiffukaw mill-aħjar l-isforzi tagħhom biex jiżguraw komplementarjetà bejn il-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti u l-formats ta' involviment il-ġodda bħall-Inizjattiva tat-Tliet tal-Ibħra (3SI) u s-Sħubija għall-Kooperazzjoni Trans-Atlantika tal-Enerġija (P-TEC), kif ukoll inizjattivi emerġenti oħra mill-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-UE?
- Kif għandha l-UE tinvolvi ruħha bl-aħjar mod maċ-Ċina b'rabta mal-konnettività fil-kuntest tal-Inizjattiva Belt and Road taċ-Ċina u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Konnettività bejn l-UE u l-Asja?
- B'rabta mal-Mediterran tal-Lvant, kif jistgħu l-UE u l-Istati Membri tagħha jużaw id-djalogi eżistenti dwar l-enerġija, mezzi ta' involviment u strumenti bħad-diplomazija dwar l-enerġija biex jippromwovu l-ambjent fir-reġjun li għandu jwassal għal żviluppi ta' tneħħija tar-riskji?

Informazzjoni ġenerali

L-Afrika

Immedija f'Settembru 2018, il-Komunikazzjoni dwar l-Alleanza Afrika-Ewropa għall-Investment u għall-Impjiegi Sostenibbli tipproponi li tapprofondixxi r-relazzjoni ekonomika u kummerċjali tal-UE mal-Afrika billi tagħti spinta lill-investment u ssaħħaħ ir-rwol tas-settur privat. L-enerġija hija settur ta' prijorità. L-UE ilha tappoġġa, permezz tal-għajnuna għall-iżvilupp, l-elettrifikazzjoni tal-kontinent permezz ta' riformi tal-infrastruttura u dawk regolatorji. Bil-Pjan ta' Investment Estern, hija qed tappoġġa wkoll l-investimenti fis-settur privat u qed tiżviluppa l-qafas tan-negozju t-tajjeb. Fil-kuntest tal-Alleanza l-ġdida Afrika-Ewropa, il-Kummissjoni nediet f'Novembru 2018 l-pjattaforma ta' Livell Għoli dwar l-Investimenti f'Enerġija Sostenibbli. Il-Pjattaforma tlaqqa' flimkien partijiet ikkonċernati mis-setturi pubbliċi u privati, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, kif ukoll mid-dinja akkademika u gruppi ta' riflessjoni miż-żewġ kontinenti, u sa tmiem l-2019 għandha tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar l-ingranaġġ tal-investimenti f'enerġija sostenibbli fl-Afrika.

L-Istati Uniti tal-Amerka

L-Istati Uniti jibqgħu alleat ewlieni u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, b'mod partikolari fil-qafas tal-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, hija waħda mill-oqsma ta' kooperazzjoni li tħalli l-aktar frott fir-relazzjonijiet trans-Atlantiċi. Hemm bosta oqsma ta' interess reċiproku qawwi fis-sigurtà tal-enerġija, it-teknoloġiji tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u ċ-ċibersigurtà. L-espansjoni tal-kummerċ trans-Atlantiku tal-LNG toffri lill-UE aktar opportunitajiet biex issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tagħha permezz tad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista. Fit-2 ta' Mejju, il-Kummissjoni, flimkien mad-Dipartimenti tal-Istati Uniti għall-Kummerċ u l-Enerġija, ospitat fi Brussell avveniment konġunt ta' livell għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' suċċess kbir minn negozju għal negozju dwar l-LNG li laqqa' flimkien aktar minn 200 rappreżentant tal-gvern miż-żewġ naħat tal-Atlantiku u 250 rappreżentant tan-negozju min-negozju trans-Atlantiku tal-LNG. L-UE u l-Istati Uniti jikkooperaw ukoll mill-qrib dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari dwar il-finalizzazzjoni tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar biex iwasslu l-gass mill-Ażerbajġan għall-Italja, u dwar is-sigurtà tal-enerġija fl-Ukrajna. Minbarra l-Kunsill tal-Enerġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, l-Istati Uniti qed jinvolvu ruħhom ma' għadd ta' Stati Membri tal-UE b'rabta ma' inizjattivi bħat-3SI u l-P-TEC (imħabbin mis-Segretarju għall-Enerġija tal-Istati Uniti fl-okkażjoni tas-Summit tat-3SI f'Bucharest, f'Settembru 2018). Il-proġetti li ser jiġu żviluppati taħt it-3SI, inkluż dawk fi ħdan il-P-TEC, għandhom il-potenzjal li jsaħħu b'mod sostanzjali s-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa permezz ta' aktar konnettività reġjonali u aktar diversifikazzjoni ta' sorsi. Huwa importanti wkoll li l-UE u l-Istati Uniti jżommu l-għaqda trans-Atlantika dwar is-sanzjonijiet. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll biex tiżviluppa kooperazzjoni trilaterali mal-Istati Uniti u l-Ġappun, bħala sieħeb tal-istess fehma, b'mod partikolari dwar l-LNG u l-idroġenu.

Iċ-Ċina

Iċ-Ċina hija sieħba strateġika tal-UE fit-transizzjoni lejn enerġija nadifa. Id-Djalogu annwali dwar l-Enerġija bejn l-UE u ċ-Ċina jiggwida l-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija u l-Pjattaforma li tnediet dan l-aħħar ta' Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija bejn l-UE u ċ-Ċina tiżgura implimentazzjoni sħiħa tad-Djalogu. Iċ-Ċina hija l-akbar emittent tal-karbonju fid-dinja u fl-istess ħin l-akbar investitur fl-enerġija rinnovabbli u l-akbar produttur ta' din l-enerġija. L-UE tilqa' r-rwol taċ-Ċina bħala wieħed mis-sensara ewlenin tal-Ftehim ta' Pariġi; madankollu, iċ-Ċina qed tappoġġa u tibni impjanti ta' produzzjoni tal-enerġija bil-faħam f'bosta pajjiżi (b'mod partikolari permezz tal-inizjattiva tagħha Belt and Road), inkluż fil-viċinat tal-UE (il-Balkani tal-Punent, l-Afrika), mingħajr ma tqis is-sostenibbiltà tal-investimenti tagħha. Il-politika tal-UE riflessa fil-Komunikazzjoni "UE-Ċina – Perspettiva strateġika" tat-12 ta' Marzu 2019 u approvata mill-Kunsill Ewropew tadotta approċċ aktar realistiku, assertiv u multidimensjonali. Filwaqt li ċ-Ċina tibqa' "sieħba ta' kooperazzjoni" b'rabta mat-transizzjoni lejn l-enerġija nadifa, hija wkoll "sieħba ta' negozjar" li magħha l-UE teħtieġ issib bilanċ ta' interessi, "kompetitur ekonomiku" fit-tfittxija ta' tmexxija teknoloġika, u "kompetitur sistemiku" li jippromwovi mudelli alternattivi ta' governanza. B'segwitu għad-diskussjonijiet pożittivi matul it-Tmien Djalogu annwali dwar l-Enerġija bejn l-UE u ċ-Ċina fi Brussell f'April ta' din is-sena, u t-tnedija tal-Pjattaforma ta' Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija bejn l-UE u ċ-Ċina (f'nofs Mejju), li ser topera għal tliet snin, l-UE għandha tkompli tinvolvi ruħha maċ-Ċina dwar kwistjonijiet ta' enerġija b'attenzjoni partikolari għar-reċiproċità tal-aċċess għas-suq u tuża l-Pjattaforma biex tipprovdi opportunitajiet għal kooperazzjoni vantaġġuża għaż-żewġ naħat.

Gass tal-Mediterran tal-Lvant

L-iżvilupp ta' hubs tal-gass fil-Mediterran huwa assi prinċipali tal-politika ta' diversifikazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija. Bi skoperti ta' gass sinifikanti reċenti u futuri (Eġittu, Iżrael, Ċipru u probabbilment il-Libanu), u peress li sehem sostanzjali minn dawn id-depożiti tal-gass ser jiġu esportati, il-Mediterran tal-Lvant sar sors ta' provvista importanti, sikur u affidabbli għall-futur. L-UE tappoġġa bis-sħiħ l-iżvilupp tar-reġjun bħala hub tal-gass. Il-Kummissjoni hija impenjata taqdi rwol ta' faċilitazzjoni fl-iżvilupp tal-gass tal-Mediterran tal-Lvant f'termini ta' appoġġ politiku, diplomazija, finanzjament ta' studji bħal pereżempju għal-linja tal-gass EastMed, finanzjament permezz ta' Istituzzjonijiet ta' Finanzjament Internazzjonali fi żmien debitu u għajjnuna fil-ħolqien ta' ambjent ta' investiment li jwassal biex jiġu attirati investituri għall-iżvilupp tar-reġjun. Il-Kummissjoni kienet ukoll strumentali biex tassisti lill-pajjiżi fil-proċess ta' abbozzar għall-Ftehim Intergovernattiv (IGA) bejn CY-EG għal interkonnnessjoni tal-linja tal-gass bejn iż-żewġ pajjiżi u l-IGA għal-linja tal-gass EastMed.

